F'għeluq il-25 sena mill-mewt ta'

# MRO. WILLIE ATTARD (1901 - 1970)

Minn Grazio A. Grech



Din is-sena jaħbat għeluq il-25 sena mill-mewt tal-mużiċista, kompożitur u Surmast-Direttur ta' diversi baned Maltin u Għawdxin, Mro. Willie Attard.

Imwieled fl-1901 il-Ħamrun bin Beneditt u Marija mwielda Vella, Mro. Willie Attard, sa minn ċkunitu beda jitgħallem il-mużika taħt Mro Anton Miruzzi (1867 - 1944), li f'dik il-era kien Surmast-Direttur tal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Ta' sebgħa snin Mro. Willie Attard kien diġà jdoqq il-kwartin, u ta' 14-il sena ngħaqad mal-Kings' Own Malta Regiment fejn kien idoqq il-klarinett.

Mro Willie Attard insibuh ukoll bandist tal-banda 'La Valette' tal-Belt Valletta, u magħha kien idoqq is-saxafon li tiegħu kien professur. Infatti nafu li waqt programm li sar mill-banda 'La Valette' nhar l-10 ta' Jannar, 1926, taħt it-tmexxija ta' Mro Cardenio Botti, Mro W. Attard, dak iż-żmien bandist mal-banda 'La Valette', esegwixxa b'kapaċità kbira bix-saxafon kompożizzjoni mużikali ta' Mro C. Botti.



*Il-ġenituri ta' Willie Attard.*



*Iż-żagħżugħ Willie Attard.*

Iżda Mro. Attard ma waqafx hawn. Wara li spiċċa mill-militar kompla jitħarreġ fl-arti mużikali taħt diversi surmastrijiet, fosthom Mro. Angelo Abdilla, Mro. Ġużeppi Abdilla, Mro. Carlo Diacono u Mro. C. Botti. Dawn l-istudji wasslu lil Mro. Attard sabiex fl-1926 jikseb ċertifikat mid-The Association Board of the Royal Academy of Music u fis-sena ta' wara kiseb ċertifikat ieħor mir-Royal Collage of Music, ta' Londra.

**Surmast-Direttur**

Kien għal nofs is-snin għoxrin meta Mro. Willie Attard inħatar Assistent Surmast-Direttur tal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Din il-ħatra wasslet lil Mro Attard sabiex aktar tard jinħatar mhux biss Surmast-Direttur tal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun, imma ukoll surmast-direttur tal-baned 'De Rohan' ta' Ħaż-Żebbuġ, 'La Vittoria' tal-Mellieħa, 'Our Lady of Consolation', Gudja, Maltin, u tal-banda 'Leone' tar-Rabat, Għawdex.

L-imħabba u l-entużjażmu li Mro Attard kellu

*ikompli f'paġna 72*



*Is-Surmast Willie Attard mal-ħbieb.*

lejn l-arti mużikali wasslitu wkoll sabiex fl-1926 jwaqaf l-orkestra 'L'Unione' fi ħdan il-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' tal-Ħamrun u li tagħha dam direttur sa l-1933. Din l-orkestra kellha żżarma fl-1933 minħabba l-impenji kbar tas-surmast Attard u ċirkustanzi oħra.

Madanakollu, minkejja li fis-sena 1933 Mro Willie Attard kellu taħt it-tmexxija tiegħu tlett baned, huwa mpejna ruħu u reġa' waqqaf orkestra oħra fi ħdan l-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Din id-darba, l-orkestra li kienet magħrufa bħala 'Orkestra Mandolinistika San Ġużepp', Mro Willie Attard dam Surmast-Direttur tagħha sa l-1957, meta t-tmexxija tagħha għaddiet f'idejn is-Surmast Siminiana.



*Mro. Antonio Miruzzi li għallem il-mużika lil Willie Attard.*

Intant fi programm li Mro Willie Attard esegwixxa bl-orkestra 'L'Unione' nhar it-8 ta' Mejju, 1926, lejlet il-festa ta' San Ġużepp, fil-każin tal-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun, indaqqu fost bċejjeċ oħra, biċċtejn komposti minn Mro. Anton Miruzzi u marċia bl-isem ta' *L'Unione*, kompożizzjoni mużikali ta' Mro Willie Attard.

Iżda, Mro. Willie Attard, ma baqax ristrett biss b'din l-orkestra għal Ħamrun. Huwa mar jagħti s-sehem kulturali biha anki fi bnadi oħra. Insibu li fil-31 ta' Ottubru, 1926, din l-orkestra, dejjem taħt it-tmexxija ta' Mro. Attard, esegwiet programm fil-każin tal-banda 'La Valette' fil-Belt Valletta, waqt li fis-16 ta' Settembru, 1928, nsibuha tieħu sehem f'fiera li saret f'San Pawl il-Baħar.

Ta' interess partikulari hu l-fatt li waqt li fil-programm li daqqet fil-każin ta' 'La Valette' ġiet esegwita għal darba oħra l-marċja *'L'Unione'*, f'dak ta' San Pawl il-Baħar indaqq il-Preludju *'Alla Moda'*, kompożizzjoni oħra mużikali ta' Mro Willie Attard.

L-aħħar programm li Mro. Anton Miruzzi dderiġa lill-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun kien nhar it-30 ta' Settembru, 1928. Wara, Mro. Willie Attard, li kien diġà jokkupa l-kariga ta' Assistent Surmast Direttur, ġie maħtur Surmast Direttur ta' din il-banda.

Fis-27 ta' Jannar, 1929, Mro. Willie Attard dderiġa l-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun fi programm f'ġieħu, 'in onore del nuovo direttore', avolja bħala Assistent Surmast ta' din l-Għaqda Mużikali kien diġà dderieġa lil din il-banda. Mro Attard dam Surmast ta' din il-Għaqda Mużikali sa l-1957. Matul iż-żmien li Mro Attard dam ma' din il-banda, il-banda 'San Ġużepp' għaddiet minn



*Mro. Willie Attard jidderieġi Programm Mużikali*

diversi suċċessi u avvenimenti storiċi. Fost dawn ta' min isemmi s-sehem kulturali tal-banda 'San Ġużepp' fi Sqallija, u ż-żanżin ta' strumentatura ġdid fl-1930.

Fis-sena 1932, Mro. Willie Attard, inħatar ukoll Surmast-Direttur tal-banda 'De Rohan' ta' Ħaż-Żebbuġ, u tal-banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa.



*Is-Surmast Willie Attard bl-uniformi tal-Banda La Vittoria*

Għalkemm ma tantx dam Surmast Direttur tal-banda 'De Rohan', mal-banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa, insibuh bejn l-1932 u l-1948 u bejn l-1952 u l-1957.

Matul dan iż-żmien il-banda 'La Vittoria' bħal banda 'San Ġużepp', gawdiet mhux ftit mill-ħidma ta' Mro. Attard, imma wkoll għaddiet minn diversi ġrajjiet storiċi. Fost dawn ta' min isemmi l-festi ta' għeluq il-25 u l-50 sena mit-twaqqif tal-banda li fihom Mro. Attard kellu sehem kbir bis-sehem tal-banda. Minkejja dan, meta fl-1957, Mro. Willie Attard, ħejja l-banda 'La Vittoria' għal programm tal-festi ta' l-għeluq il-50 sena, minħabba saħħtu, kellu jirtira u postu ħadu Mro. V. Ciappara.

Għaqda Mużikali oħra li tagħha Mro. Willie Attard kien Surmast-Direttur hija l-banda 'Leone' tar-Rabat, Għawdex. Jidher ċar li l-konnessjoni ta' Mro. W. Attard mal-banda 'Leone' tmur lura lejn is-sena 1934. F'dik is-sena l-banda 'Leone' kienet stiednet u fil-fatt ħadu sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata mill-banda 'Leone' fil-belt Victoria, Għawdex, il-baned 'San Ġużepp' tal-Ħamrun u 'La Vittoria' tal-Mellieħa. Is-Surmast-Direttur ta' dawn iż-żewġ baned filarmoniċi Maltin kien appuntu Mro. Willie Attard. Kien fis-sena 1944 li l-kumitat tal-banda 'Leone' ħatar lil Mro. Attard bħala Surmast-Direttur tal-banda u dan dam f'din il-kariga sa l-1957, meta rtira mix-xena tad-direzzjoni minħabba saħħtu.

Matul iż-żmien li Mro. Attard dam Surmast tal-banda 'Leone' wkoll għaddiet 'l quddiem fil-qasam mużikali, xejn anqas miż-żewġ baned l-oħra li Mro. Attard kellu taħt it-tmexxija tiegħu. Anzi nistgħu ngħidu li kienet inħolqot ċerta ħbiberija bejn dawn it-tliet baned tant li l-banda 'Leone' kienet




*Il-Banda La Vittoria bl-uniformi.*

tistedinhom għall-festi ta' Santa Marija, bħalma qed jiġri llum.

Taħt it-tmexxija ta' Mro Willie Attard il-banda 'Leone' esegwit programmi kbar kif ukoll akkademji mużiko-letterarji għal diversi festi speċjali. Fost dawn insibu dawk ta' l-1947, 1950, 1954 li fihom l-involvimemt tal-banda ma naqasx. Lanqas ma naqas is-sehem ta' din il-banda Għawdxija kull meta kienet taqsam għal Malta biex tagħti s-sehem kulturali tagħha hemm.

**Kompożizzjonijiet**

Mro. Willie Attard kellu wkoll għal qalbu l-kompożizzjonijiet mużikali. Fil-bidu ta' din il-kitba ndikajt xi bċejjeċ mużikali komposti minnu, iżda ta' min isemmi li Mro. Attard kkompona għadd mhux ħażin ta' marċi reliġjużi, marċi brijużi u funebri li uħud minnhom għadhom jindaqqu sa llum, bħalma jindaqqu wkoll għadd ta' kompożizzjonijiet mużikali oħra minn tiegħu li jinstabu mxerda f'arkivji mużikali, fosthom f'dawk li tagħhom Mro Attard kien Surmast-Direttur.

Mro. Attard ikkompona wkoll l-innijiet tal-banda, kemm dak tal-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun kif ukoll dak tal-banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa. L-Innu tal-banda 'La Vittoria' għandu l-versi miktuba mill-ispiżjar Carmelo Debono Vella. Mro. Attard

għandu wkoll innu marċ *'San Gabriel'* li jindaqq mill-banda 'San Gabriel' ta' Ħal Balzan, waqt li l-banda 'Our Lady of Consolation', illum, banda 'Marija Assunta' tal-Gudja, wkoll għandha innu ddedikat lil Santa Marija, kompost minn Mro Attard.

Il-banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa għandha wkoll l-innu bl-isem *'Lil Banda La Vittoria'* kompost minn Mro Willie Attard fuq il-versi ta' l-Avukat Ġorġ Zammit. Dan l-innu kien ġie mżanżan fl-1957 fl-okkażjoni ta' l-għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-banda. Fil-Mellieħa wkoll insibu li l-Innu l-kbir *'Lil Marija Bambina'* li għandu wkoll l-versi tiegħu ta' l-Avukat Ġ. Zammit hu kompożizzjoni mużikali ta' Mro Willie Attard.

Fil-Ħamrun insibu li l-banda 'San Ġużepp' għandha innu marċ *'Lil San Ġużepp'* kif ukoll l-innu *'Lil San Gajtanu'*, it-tnejn komposti minn Mro W. Attard. Dawn iż-żewġ innijiet ġew imżanżna fl-1939 u fl-1947 rispettivament.

F'Għawdex Mro. W Attard għandu l-innu l-kbir *'Lil Madonna tas-Sokkors'* (Kerċem) li ġie mżanżan fl-1946 u l-innu *'Lil Santa Marija'* (Żebbuġ) li kien ġie mżanżan ftit snin wara dak tar-raħal ta' Kerċem. Dawn iż-żewġ innijiet għandhom il-versi tas-Sur Ġużeppi S. Cutajar.

Il-banda Ċittadina 'Leone' ta' Għawdex ukoll għandha diversi innijiet korali komposti minn Mro W. Attard. Fost dawk li għandhom kliem ta' tifħir lil Madonna insibu li wieħed minnhom ġie mżanżan fl-1946 u li l-versi tiegħu huma tal-mejjet Kav. Koli Apap.

Fil-kompożizzjonijiet oħra mużikali ta' Mro Attard jinkludu: il-Polka *'I Due Amici'*; il-marċi Sinfoniċi: *'Carmengiusa'* u l-*'Queen Elizabeth II'*; is-sinfonija: *'Un Salute a Malta'*, u l-Omaġġi: *'Alla Filar. S. Giuseppe'* (Ħamrun) u *'Alla Vittoria'* (Mellieħa).



*Mro. Willie Attard*

Fost il-marċi ta' Mro W. Attard ta' min isemmi il-marċi: *'Speranza'*, *'Sentimentale'* u *'Giorno di Festa'*. Ta min jgħid li l-marċia *'Speranza'* kienet ġiet esegwita fl-1929 waqt li t-tnejn l-oħra niltaqgħu magħhom fil-bidu tas-snin tletin.

Fost il-marċi brijużi ser insemmi biss il-magħruf marċ *'Il Famuża Koppla'* - mal-partitarji tal-banda 'Leone' dan il-marċ magħruf bħala *'Il-Famuża Telgħa'* - li kien kompost fil-sena 1956. Mill-marċi funebri nsemmi biss dak li jġib l-isem, *'Alla Memoria di Francesco Portelli'*. Dan kien Bandist



*Is-Surmast Willie Attard mal-Orkestra.*




*Il-Librett tal-Marċi li sar għall-okkażjoni.*

tal-banda 'Leone' ta' Għawdex, u kien wieħed mill-vittmi tat-traġedja meta għereq il-luzzu f'Ħondoq ir-Rummien f'Ottubru, 1948, meta tilfu ħajjithom għadd ta' persuni.

Mro Willie Attard kien miżżewweġ lil Marija Cachia. Huwa irtira mid-direzzjoni mużikali fl-1957 u għadda l-kumplament ta' ħajtu rtirat id-dar. Hu miet nhar it-3 ta' Marzu, 1970 fl-Isptar San Luqa.

Mro Willie Attard ħalliena, iżda l-fatt li għadd mill-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu għadhom jindaqqu ta' kull sena, ismu mhux la kemm jintesa mix-xena tal-mużika ta' dawn il-gżejjer.

Kien verament xieraq li fil-Ħamrun, fejn Mro Attard twieled u għex, issemmiet triq għal dan il-patrijott Malti li matul ħajtu stinka u tħabat biex il-kultura mużikali f'pajjiżna tinxtered, tikber u tissaħħaħ.

**Referenzi**


1. Grech Grazio A. : Ġrajjiet il-banda Il Leone ta' Għawdex, 1967, Ġrajja tas-Soċjetà Filarmonika Leone' Għawdex, Kt 1, 1988; u 'Il-Banda Leone' ta' Għawdex u l-Baned Melleħin' fi ktejjeb programm, Festa Marija Bambina, 1992, maħruġ mill-banda 'La Vittoria', Mellieħa.
2. Ktejjeb: Banda La Vittoria, Mellieħa, maħruġ mill-banda La Vittoria fl-okkażjoni ta' l-għeluq il-75 sena tal-banda.
3. Mro Michael Chircop: 'Tifkira tas-Surmast Willie Attard' f'In-Nazzjon Tagħna, 17.8.71
4. Mifsud Matrenza Joseph: Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħamrun 1889-1989.
5. Mifsud Bonnici Rob.: Dizz. Bijo. Bibl. Nazzjonali p. 15.
6. The Malta Directory & Trade Index; 1956, pp. 350, 351; 1957. p. 378.
7. Ktejjeb Programm festa Marija Annunzjata, 1993, maħruġ mill-każin tal-banda San Gabriel, Balzan, p. 53.
8. Ktejjeb Programm festa S. Ġużepp, Ħaż-Żebbuġ, Malta, 1993, pp. 109, 110.
9. Ktejjeb Programm festa Santa Marija, 1990, 1992, maħruġ mill-banda 'Our Lady of Consolation' - Gudja.
10. Reġistru Elettorali, l-Ewwel Distrett, April, 1995, p. 136.
11. L-Orizzont: 16.3.70, 25.6.94.
12. Il-Berqa: 11.8.34, 1.8.44, 24.7.46.
13. It-Torċa: 9.5.63, 5.8.73.
14. Malta: 7.1.26, 7.5.26, 29.10.26, 5.4.28, 13.4.28, 13.4.28, 30.8.28, 14.9.28, 24.1.29, 4.4.29, 20.2.31, 1.12.31, 5.5.34, 10.8.34, 9.5.35, 15.5.36.
15. Reġistru Pubbliku, Malta: Att tal-Mewt Nru. 948/1970.
16. Ħajr lil iben Mro W. Attard, Anthony Attard, tat-tagħrif li bagħtli.